MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 758/2002

**Tabone Computer Centre Limited**

**Vs**

**Louie R. Naudi bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Agricultural Lobby, u b'digriet tas-16 ta' Frar 2005, il-kliem "ghan-nom u in rapprezentanza ta'" gew sostitwiti bil-kelma "personalment"**

## Il-Qorti;

Il-Qorti rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' elfejn tmien mija u tlieta u tmenin Lira u ghaxar centezmi (LM2883.10) (ekwivalenti ghal sitt elef seba' mija u hmistax-il Euro u tnejn u tmenin centezmu (€6715.82), rapprezentanti kwantu ghal elf Lira (LM1000) (ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2329.37) flus li s-socjeta' attrici harget ghal sponsorship agreement li ma giex onorat mill-konvenuti, kwantu ghal

elf, tmien mija u tlieta u tmenin Lira u ghaxar centezmi (LM1883.10) (ekwivalenti ghal erbat elef tlett mija u sitta u tmenin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€4386.44) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ computer products lilhom mibjugha u konsenjati li ghalihom il-konvenuti hargu cheques li ma’ gewx onorati mill-banek.
Bl-ispejjez u bl-interess mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut nomine pprezenta risposta li fiha kkontesta t-talbiet tas-socjeta’ attrici, pero’ ghal fini ta’ din is-sentenza mhux neccessarju li tigi riprodotta din ir-risposta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Rat li fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2013 dehru Joseph Tabone in rapprezentanza tas-socjeta' attrici assistit minn Dr Peter Borg Costanzi u Louie Naudi assistit minn Dr Stephen Muscat. F’din is-seduta gie registrat is-segwenti verbal:
*“Il-partijiet jaqblu illi tinghata sentenza f'dan is-sens:*
*- li l-attur jirriduci t-talba ghas-somma ta' hamest elef ewro (Eur 5,000) u prezenzjalment l-attur qieghed hekk jirriduciha.*
*- li il-konvenut jigi koncess terminu ghal hlas permezz ta' tnax-il rata ugwali, l-ewwel skadenza li jmiss hija fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.*
*- li l-ammont dovut ikun minghajr interessi, pero' kull bilanc li jifdal wara li jghaddi t-terminu msemmi ta' tnax-il xahar ikun soggett ghall-interessi minn dakinhar skond il-ligi.*
*- li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”*

In vista tal-premess, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-vertenza billi tikkundanna lill-konvenut Louie Naudi li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' hamest elef Euro (€ 5,000), b’dan li konvenut qed jigi koncess lilu terminu ghal hlas u cioe’ li din is-somma ghandha tithallas permezz ta' tnax-il rata ugwali, mensili u konsekuttivi, l-ewwel skadenza li jmiss hija fi zmien xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Dan l-ammont huwa dovut minghajr interessi,

pero' kull bilanc li jifdal wara li jghaddi t-terminu ta' tnax-il xahar minn din is-sentenza huwa suggett ghall-interessi skond il-ligi, minn dakinhar li jiskadi l-imsemmi terminu.  L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------